# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tat-tlettax (13) –il laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju, 2009 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skużata:* Rose Roberts Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**
1.1. Il-Minuti tat-tnax -il laqgħa tqassmu u nqraw mil-kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**
2.1. Approvazzjoni ġiet ipproponuta minn Mario Salerno u ssekondata mill-Kunsillier,

Stephen Mizzi.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**
3.1. Ma kienx hemm punti mqajma mill-minuti ta' qabel.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**
4.1. Is-Sindku beda biex qal li skond ir-riforma tal-Kunsilli Lokali il-laqgħa tal-Kunsill iridu jibdew bejn il-5.30pm u is-7.30pm u inkunu nibdew navżaw lil publiku fil-ħinijet u l-ġurnata tal-laqgħa.

4.2. Is-Sur Salerno qal li irridu nitkellmu ma' l-ELC sabiex nagħmlu lista ta' xogħlijiet li jridu jsiru mil-aktar fis-possibbli.

4.3. Is-Sindku tkellem fuq il-plumbing u id-dawl tal-Kunsill u qal lis-Sur Carbone sabiex jinforma lill-Kunsill kif beħsiebu jqassam ix-xogħol.

4.4. Is-Sindku informa lil sħabu bil-kontijiet li irċevejna minn naħa ta' l-Attorney General u l-MEPA rigward il-kawża li kellna u li ġiet imwaqqa'. Is-Sur Salerno ippropona biex inħallsu dawn il-kontijiet mil-aktar fis possibbli. Kulħadd qabel ma dan il-proponiment.

Kunsill Lokali Kirkop – Triq il-Barrieri, Kirkop
Sindku: Sur Mario Salerno
Vi`i Sindku : Sur Joseph Carbone
Kunsilliera : Sur Stephen Mizzi, Sinjorina Nadia Zammit, Sinjura Mary Rose Roberts
Tel: 21680099 Fax: 21683777 email: kirkop.lc@gov.mt

4.5. Is-Sur Salerno tkellem fuq il-progett ta' l-EARFD u Mizura 313 u 323 u qal li l-applikazzjoni qiegħda fi stat avvanzat ħafna u kull ma jonqosna huwa li l-Perit Bezzina jagħmlilna l-budget.

4.6. Is-Sindku qal li rigward l-esebizzjoni tat-talent koppi, din l-esebizzjoni ser tittella fis-sala ta' fuq tal-Kunsill u ser tkun miftuħa filgħaxijiet. Hu qal ukoll li Nadia Zammit tista ittina aktar dettall.

4.7. Is-Sur Salerno qal li għal Jum Kirkop qegħdin naħdmu fuqu u baqalna l-aħħar affarijiet. Il-{imgħa filgħodu ser ikollna d-devoluzzjoni tal-librerija u filgħaxija ser ikollna l-quddiesa fis-6.30pm, it-tqehid tal-fjuri maċ-ċimiterju u ir-riċeviment fis-7.30pm fis-sala ta' fuq tal-Kunsill.

4.8. Is-Sindku ippropona li ssir *Sports day* organizzata mil-Kunsill u kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment. Għalhekk is-Sur Salerno ippropona li Nadia Zammit tieħu ħsiebha.

4.9. Is-Sindku tkellem fuq razzett antik li għandu l-fuq minn tlett mitt sena u qal li għandu PA number li juri li ser jiġi żviluppat. Is-Sindku kompla u qal li tajjeb noġġezzjonaw għax dan huwa sit storiku. Is-Sindku kompla u qal li kellmu arkeoloġista u taħ ħasla

4.10. Is-Sindku qal li tlabna lil Perit Bezzina sabiex ikejjilna t-toroq li għadhom pendenti sabiex jiġu asfaltati. Il-Perit lestilna dan ir-rapport u daħħalnih il-Ministeru sabiex ikunu eliġibbli fl-iskema l-ġdida tat-toroq.

4.11. Is-Sindku tkellem fuq il-Kunsilliera minn Rousset Elisabeth Bege li kienet hawn fostna għal ġimgħa u qal li iltaqet ma ħafna entitajiet li xtaqet tiltaqa' magħhom fosthom is-Surmast tal-Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja, Kirkop ta' l-MCAST ta' Tarġa Gap u oħrajn. Hi tkellmet fuq xi proġetti li tista tagħmel magħhom fuq Routh exchanges. Is-Sindku qal ukoll li s-Sinjura Bege kienet ferm sodisfatta bil-konferenza li saret 'Zooming on Sustainability'.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Il-Viċi Sindku beda biex irringrazzja u cumplimenta ma kull min ħa sehem fl-organizzar taż-żjara tas-Sinjura Bege u t-tifla tagħha.

5.1.2. Is-Sur Carbone skuża ruħu ma' Stephen għaliex qabżu u kellem lill-Kuntrattur tal-ġbir ta' skart direttament huwa għaliex Qingħed jagħfas l-i*scamle* quddiem id-djar fi Triq il-Karwija. Is-Sur Mizzi qallu li huwa wkoll kien kellem lid-*driver* ta' l-istess *scamle* biex ma jibqax jagħmel dan.

5.1.3. Is-Sur Carbone issuġġerixxa sabiex norganizzaw wirja ta' l-għasafar u nistgħu inkellmu lis-Sur Angelo Demicoli mil-Assoċjazzjoni ta' l-Għasafar sabiex jiggwidana hu. Kulħadd qabel ma dan u is-Sur Carbone intalab iġib aktar informazzjoni għal-laqgħa li jmiss.

5.1.4. Is-Sur Carbone qal li reġa għandna bżonn dawra *refreshing* tar-*road markingsi* speċjalment fi Triq San Pietru u tajjeb li nġibu xi samples minn għand aġenti oħrajn għaliex li qed inġibu bħalissa mhux qed iżżomm ħafna.

5.1.5. Il-Viċi Sindku qal li tajjeb nerġgħu naħsbu għal *patching* wara ċ-ċimiterju. Is-Sindku qallu li dik iz-zona daħħalniha propju fil-proposta tat-toroq.

5.1.6. Is-Sur Carbone issuġġerixxa sabiex noganizzaw ħarġa għat-tfal għas-Sajf u nżura l-Katidral ta' San {wann. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment u s-Sindku qallu importanti li l-ġurnata ma' tkunx nhar ta' Tnejn minħabba li jkun hemm ħafna turisti.

5.1.7. Il-Viċi Sindku għalaq l-istqarrija tiegħu billi staqsa fuq il-binja tal-Kunsill. Is-Sindku qallu li jonqosna biss is-saqaf tat-tieni sular. Imbgħad il-Viċi Sindka qal li huwa lest li jaħdem fuq l-elettriku tal-binja pero wara li jiġi mil-btala. Is-Sindku qallu li tajjeb li jkollu wkoll l-informazzjoni ta' l-istaff fuq Fedn ser jiġu l-plakek u d-dwal.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**
5.2.1. Is-Sur Mizzi semmha l-iskart u qal li hu diġa ħa ħsiebha l-biċċa tax-xogħol li semmha s-Sur Carbone.

5.2.2. Il-Kunsillier Mizzi ilmenta fuq il-Kuntrattur Paul Magro ta' l-Asfaltar minnħabba li għandu xogħol diżorganizzat ħafna għax bi tnejn minn nies ma tistax tagħmel xogħol sew. Hu issuġġerixxa li ma nqabbduh jagħmel xejn iktar wara dawn il-bankini li qed jagħmel.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Nadia Zammit**
5.3.1. Is-Sinjorina Zammit bdiet u semmiet il-wirja tat-talent koppi u qalet li ser tieħu ħsiebha hi.

5.3.2. Nadia fakkret lil sħabha li f'Jum Kirkop ser ikollna l-iffirmar tad-devoluzzjoni tal-Librerija. Hi qalet ukoll li tajjeb li jkun preżenti kulħadd għaliex ser jattendu wkoll il-Ministru Dolores Cristina, l-Onor Chris Said, l-Onor Stefan Buontempo u l-Onorevoli Evarist Bartolo fost oħrajn. Is-Sindku issuġġerixxa li nagħmlu ftit refreshments ukoll u nordnaw affarijiet kesħin għal 40 ruħ. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment.

5.3.3. Is-Sinjorina Zammit qalet li ser torganizza Jum Sportiv u ser torganizza laqgħa mil-aktar fis sabiex jiġu diskussi l-attivitajiet.

5.3.4. Nadia Zammit qalet li fakkruha mil-Każin San Leonaru sabiex nagħtu risposta fuq dak l-iffinanzjament tal-ktieb fuq San Leonardu. Il-Kunsill qabel nemcon li dan il-ktieb isir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill u noħorġu is-somma ta' €500.

**6. Approvazzjoni ta' ordnijiet ġodda**
6.1. Is-Segretarju ippreżenta disinn li intbgħat minn resident fejn qieħed jissuġġerixxi li jsiru mera mal-ħajt tas-sorijiet f' Misraħ Kirkop u *Speed hump* propju ħdejha. Il-Kunsill qabel li issir il-mera pero mhux l-i*speed hump*.

6.2. Korsijiet – {ie maqbul li bħas Sjuf l-imoddija għal dan is-Sajf il-Kunsill jorganizza numru ta' korsijiet lir-residenti issussidjati. Il-Kunsill qabel li isiru dawn il-korsijiet:

1. E-tfal u ECDL
2. Kors akkademiku għal dawk it-tfal li ser ipoġġu għall-eżamijiet tal-Junior Lyceum is-sena d-dieħla
3. Edukazzjoni Fiżika
4. Tpinġija bil-lapis
5. Cross Stitch

6.3. Is-Segretarju staqsa lill-Kunsill sabiex jiġu approvati il-posti tal-Kiosks u kulħadd qabel li jibqgħu bħal tas-sena l-oħra. Is-Sindku ippropona li inlaqqgħu lil każini sabiex inwissuhom li f'każi li jagħmlu ħsarat fl-assi tal-Kunsill dawn iridu iħallsu d-danni. Kulħadd qabel ukoll ma din il-proposta.

**7. Awtorizzazzjoni tal-Pagamenti**
Il-pagamenti għaddew kollha.
Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Stephen Mizzi

Is-Sur Mizzi talab għal rendikont tal-Keep fit li ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

Barra mil-lista tal-pagamenti s-Segretarju qal li għandu kont li mhux qiegħed jidher fil-lista tal-pagamenti ta' dan ix-xhar minnħabba li irċevejnih tard u li ser jitniżżel fil-lista tal-pagamenti tax-xhar li jmiss. Dan il-kont huwa dovut lil Brian Theuma li jammonta €40,000.79 għax xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-binja tal-Kunsill. Kulħadd qabel li jitħallas.

**8. Affarijiet oħra**
8.1. Is-Sindku tkellem fuq it-tenders li għandna bżonn noħorġu sabiex nagħmlu ix-xogħlijiet ta' *finishings* fuq il-binja tal-Kunsill. Dawn huma ta' l-aperturi, gypsum, suffetti, madum, inviar, u Rawlings tal-galleriji. Is-Sur Mizzi issuġġerixxa li apparti li noħorġu l-*call for tender* individwalment noħorġu tender ieħor li għal *turn key contract.*

8.2. Is-Sindku ippropona li il-Kunsill jagħti {ieħ Kirkop lil-Profs. Horatio C. R. Vella u Mertu Kirkop lill-Profs. Jeremy Boissevain. Kien hemm qbil nemcon ma dan il-proponiment.

**9. Konklużjoni**
Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |